**Karatteristiċi tas-Sigurtà li jinstabu fuq il-flus tal-karti Maltin**

Dawn li ġejjin huma x'uħud mill-karatteristiċi tas-sigurtà li jinstabu fil-flus tal-karti Maltin.

**Fil Metalliku tas-Sigurtà**
Il-karti tal-flus ġenwini għandhom ħajta metallika tas-sigurta', nieżla minn fuq għal isfel. Din tidher bħala sensiela ta' snug minn lewn il-fidda fuq in-naħa ta' quddiem tal-karta tal-flus, imma meta wieħed iħares lejha kontra dawl jaraha bħala linja sħiħa.



**Xbieha li tidher kontra d dawl**
Ix-xbieha li tidher kontra d dawl, li tikkonsisti fi xbieha fi tliet dimensjonijiet ta' ras allegorika fuq in-naħa tax-xellug tal-karta tal-flus, tingħaraf miċ-ċarezza tagħha meta wieħed iħares lejha kontra d-dawl.



**Tifsila tixbah lil Piramida**
It-tifsila tixbah lil piramida li tinstab fuq in-naħa tal-lemin tan-naħa ta' wara tal-karti tal-flus il-ġenwini, hi maħsuba sabiex tfixkel l-"għajn elettronika" ta' skaner tal-kulur.



**Disinn Iċċekkjat**
It-tifsiliet bi ħżuż fini li jidhru fuq il-lemin tan-naħa ta' quddiem tal-karti tal-flus tfasslu sabiex ifixklu l-mekkaniżmu li jagħraf tal-magni tal-fotokopji għax dan m'għandux il-ħila li jikkopjahom sew tiswiriet bħal dawn.



**Xbieha Mistura**
Il-ħxuna tas-saff ta’ linka li jqiegħed il-proċess ta’ l-istampar ibbuzzat tħalli li tinħeba ġewwa fiha xbieha mistura. Fil-flus tal-karti tagħna din imbagħad tkun tista’ tinqara bħala BĊM.



F’karti tal-flus ġenwini din ix-xbieha mistura li tinstab mdaħħla fir-rokna t’isfel tax-xellug fuq in-naħa ta’ quddiem tal-karta tal-flus tiġi tidher meta wieħed iħares lejha min-naħa tax-xifer.



**Linja bi Kliem Irqiq Ħafna**
Il-proċess “intaglio” iħalli jsir l-istampar ta’ dettall irqiq wisq. Ma’ l-ewwel daqqa t’għajn, il-linja bi kliem irqiq tidher bħala sempliċi linja. Iżda jekk wieħed jifliha sew, wieħed ikun jista’ jaqra l-kliem.



**Linka li tkanġi**
Fuq in-naħa ta’ wara tal-karti tal-flus ta’ l-Lm10 u ta’ l-Lm20, fuq in-naħa t’isfel tal-lemin , id-denominazzjoni hi stampata bil-linka li tkanġi fil-każ ta’ l-Lm10, u fuq il-linka li tkanġi fil-każ ta’ l-Lm20. Dan it-tip ta’ linka jġiegħel il-lewn ikanġi f’ilwien oħrajn skond minn liema angoli wieħed iħares lejha. Fil-każ ta’ l-Lm20 il-lewn ikanġi minn dehbi għal aħdar, filwaqt li fil-każ ta’ l-Lm10 ikanġi minn aħdar għal ikħal.



**Linka Metallika Tleqq**

It-tifsiliet immewġin li qegħdin jintwerew fuq in-naħa tax-xellug tal-karta tal-flus huma stampati b'linka metallika tleqq li tiddi u li tleqq taħt id-dawl lil hemm mill-vjola (*ultra violet light*).






Dan hu x'wieħed jista' jara meta l-karta tal-flus tinxtegħel għal kollox bid-dawl lil hemm mill-vjola.

L-karatteristiċi kollha li tara minnhom ta' quddiem u ta' wara jaqblu ma' xulxin perfettament meta jinżammu kontra d-dawl




Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ ukoll ktejjeb ta' tagħrif dwar l-Karatteristiċi tas-Sigurta' kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, sabiex ikun ta' għajnuna għall-għarfien tal-karti tal-flus il-ġenwini u ta' ħarsien kontra l-flus il-foloz.